# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 6

It-Tlieta 25 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI**

***Is-Sur Christopher Bruno – Viċi Sindku***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kalkara Local Council

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**5.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi Frar 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas wara li l-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana innutat li punt 5.4.3 C kellu bżonn jinbidel xi kliem minħabba il-fatt illi l-organizzatur mhux ser ikun qed jgħin f'din l-attivita' peres li ser ikun qed jitħallas mill-isponsors.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**5.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar fondi ġodda ħerġin minn naħa tar-Reġjun Xlokk fejn hemm €1.000, 000 (miljun) x'jitqassam fil-lokalitajiet kollha abbażi tal-proġetti sottomessi mill-Kunsilli rispettivi.

Is-Sinjura Chircop issuġerit proġett dwar 'cameras' fil-lokal kollu b'sistema imqabda mal-għassa tal-Pulizija kif diġa kien ġie suġġerit lil Kunsill Lokali mill-ispettur tad-distrett biex il-lokal ikun iktar sikur għar-residenti.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment imsemmi hawn fuq.

**5.3.2** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar seminar barra minn Malta li hija ser tkun qed tattendi f'Zadar iffinanzjat kollox mir-Regjun Xlokk minn fondi ewropej rigward proġett bl-isem ta' 'Citymobilnet' aktar tard f'April 2017

5.3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar fondi bl-isem ta' 'Croud Funding' fejn il-lokal jista jibbenifika minnhom ukoll permezz ta' 'sponsors' minn nies jew 'businessis' tal-lokal stess.

Il-Kunsill ikkonferma illi biex il-Kunsill jiġi sponsorjat hija kwistjoni diffiċli ħafna minħabba li l-lokal huwa żgħir minnu nnifsu w il-'businesses' huma ftit sfortunatament.

Id-dokument rigward dawn il-fondi ser ikun qed jintbgħat lill-Kunsilliera kollha għal informzzjoni tagħhom forsi huma stess ikunu jafu lil xi ħadd interessat.

Is-Sinjura Speranza Chircop nfurmat il-Kunsill dwar żewġ ħarġiet kulturali li ser tkun qed torganizza bħas soltu aktar tard f'April għal anzjani u familji. Kollox għadu jrid jiġi konfermat qabel ma tinħareġ informazzjoni mal-lokal biex minn hu nterrasat ikun jista jibbukja bħas-soltu.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ittra li rċeviet minn resident f'isem ir-residenti li joqgħodu fi Triq Gianni Raimondo u li għandhom garaxx fl-inħawi murija fir-ritratti ma' din l-ittra.

Dawn qed jisħqu illi qed ikollom problema iniżżlu l-karozzi tagħhom mir-rampa li tagħti għal garaxxijiet peres li hija waħda għolja ħafna.

Il-Kunsill qabel unanimament li din ir-rampa ma' taqax taħt il-ġuristizzjoni tal-Kunsill minħabba li dan is-sit huwa wieħed privat.

Tajjeb li r-residenti li ressqu dan l-ilment ikellmu lil sid ta' dan is-sit qabel ma l-problema teskala.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar it-tranġar ta' din ir-rampa jekk il-permessi kollha jinġiebu kif inhu suppost skond il-liġi.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar lampa ġdida li ser tkun qed titwaħħal ma' arblu tal-Enemalta diġa eżistenti fl-inħawi ta' Triq Antonio Falzon / Triq il-Konvoj ta' Santa Marija minħabba nuqqas ta' dawl f'dawn l-inħawi.

Is-Sinjura Chircop qalet ukoll illi għadejjin diskussjonijiet mal-Enemalta rigward arbli meħudin minn Smart City fil-passat illi jaqaw taħt il-Kunsill dirett biex dawn jerġgħu jittieħdu mill-Kunsill u jitpoġġew f'siti fejn m'hemmx biżżejjed dawl.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 5.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

*Is-Sur Bruno ma kienx preżenti għal din is-Seduta*

### Maria Sultana – Kunsilliera

5.4.2 **A.** Il-Kunsilliera Maria Sultana uriet id-dispjaċir tagħha wara li t-tfal ta' l-iskola Primarja tal-Kalkara kellhom iħallsu miżata biex użaw il-faċilitajiet ta' Esplora. Hija saħqet illi wara l-laqgħa ma' Dr.Jeffrey Pullicino Orlando hija kif ukoll il-Kap tal-iskola fehmu illi mqar għal din id-darba it-tfal kienu apparti li ser jidħlu b'xejn jużaw il-faċilitajiet kollha bla ma jħallsu ebda flus.

**B.** Is-Sinjura Maria Sultana innutat illi wara l-email mibgħuta mill-kuntrattur tad-dawl tal-lokal, li skond hi kienet waħda arroganti, xorta l-Kunsill għandu jisħaq u jagħmel emfażi li l-ħsarat għandhom jissewwew fl-inqas żmien possibli għal benefiċċju tar-residenti irrelevanti kemm il-kuntrattur huwa marbut ma' Kunsilli oħra.

**Ċ.** Is-Sinjura Maria Sultana, saħqet illi għal darb'oħra hemm bżonn li l-Kunsill jieħu ħsieb il-problema ta' parkeġġ ħażin kullimkien speċjalment fl-inħawi tax-Xatt mal-entitajiet ta' 'nfurzar biex b'hekk jitnaqqas dan l-iskariġġ u tgerfix ta' karozzi li qed joħolqu inkonvenjent f'dawn l-inħawi.

Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tikkordina laqgħa mal-ispettur fuq dan ir-rigward biex tiġi diskussa din il-problema.

### 5.4.3 Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.**Is-Sur Pawlu Bongailas, saħaq illi hemm bżonn jingħata il-premju tal-Kompetizzjoni Fotografika li ġiet ippublikata f'Diċembru fil-fuljett li 'nħareġ mill-Kunsill stess.

Huwa saħaq il-premju għandu jiġi mogħti lil persuna rebbieħa minnu minħabba illi huwa dik il-persuna li ħareġ bl-idea kif ukoll jieħu ħsieb il-Pubblikazzjonijiet li joħroġ il-Kunsill.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hi ma taqbilx mal-punt imsemmi hawn fuq u li l-Kunsill kollu għandu jiġi nvolut u mhux Kunsillier wieħed biss.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera is-Sur Palwu Bongailas flimkien mal-kumplament tal-Kunsilliera ġie deċiż illi l-premju għandu jingħata mis-Sur Pawlu Bongailas, flimkien mas-Sindku, fl-uffiċini tal-Kunsill.

**B.** Is-Sur Palwu Bongailas informa l-Kunsill dwar l-attivita li ser issir f'Lulju b'risq Puttinu Cares flimkien mal-organizzatur imqabbad mis-Sindku kif ukoll bi ftehim mas-Surmast Joe Brown u l-banda tiegħu. Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi tajjeb li tissejjaħ laqgħa bejn il-partijiet kollha biex b'hekk tibda tinħadem il-loġistika kif ukoll jinġiebu kwotazzjonijiet fuq il-bżonnijiet li ser ikun hemm bżonn speċjalmet dawl 'sound' u palk.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa lil Kunsill illi ser tkun qed tintbgħat lista t'ismijiet ta' toroq prospettivi ġodda lill-Kunsilliera kollha biex b'hekk kulhadd ikun jista jagħti is-suġġerimenti / oġġezzjonijiet tiegħu qabel jinbeda il-proċess ta' tibdil ta' ismijiet ta' Toroq issuġeriti minnu stess.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas ser ikun qed jagħti aktar informazzjoni rigward iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Football tal-lokal biex b'hekk il-Kunsill ikun ippreparat biex jingħata l-premju lit-tim kif diġa ġie deċiż f'Seduta preċedenti. Aktarx dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet ser ikunu qed isiru nhar is-Sibt 22 t'April 2017, pero' m'hemm xejn ikkonfermat s'issa.

## 5.4.4 Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

A.Is-Sur Vince Bongailas informa lil Kunsill dwar l-attvitajiet ta' l-isports li ser ikun qed jorganizza hu bħal kull sena għat-tfal tal-lokal. Dawn l-attivitajiet sportivi ser ikunu qed jibdew fl-24 ta' Ġunju 2017. L-applikazzjonijiet ser ikunu qegħdin fl-uffiċini tal-Kunsill biex b'hekk kull min hu nteressat jiġi reġistrat kif inhu xieraq

B. Is-Sur Vince Bongailas informa l-Kunsill dwar attivita' li ser ikun qed jorganizza hu f'isem il-Kunsill fil-25 t'Awwissu bl-isem 'Tberik tal-Annimali'. Huwa talab ukoll l-għajnuna tas-Seg.Eżek. billi tatiħ il-

kuntatti tal-Amministrazzjoni ta' Esplora biex b'hekk ikun jista jibda jiddiskuti ma' dawn dwar loġistika fuq din l-attivita' stess.

C. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek. terġa tfakkar lil LESA rigward ksur ta' liġi fi Triq is-Salvatur. (karozzi jitilgħu 'Wrong Way' )

## 5.5 Rapporti

5..5.1 Residenti li joqgħodu fi Triq Patri Mattew Sultana qed jirrapurtaw abbuż ta' parkeġġ f'passaġġ li jgħaddu n-nies minnu minħabba li l-bankina hija baxxa u wieħed isiba faċli biex jitla bil-karozza. L-istess residenti qed jitolbu li ssir 'bollard' fil-bidu ta' dan il-passaġġ biex b'hekk ma jibqax issir dan l-abbuż.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha titwaħħal 'bollard' kif qiegħed jiġi suġġerit mir-residenti stess.

5.5.2 Resident li joqgħod fi Triq Patist Borda qiegħed jitlob mera faċċata tal-garaxx tiegħu minħabba li qed tkun diffiċli għalih joħroġ mill-garaxx tiegħu stess, peres li l-istess garaxx qiegħed fil-bidu tat-Triq, li kif tkun dieħla xi karozza, tal-garaxx isibha ma wiċċu.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-mera għandha titwaħħal mill-Kunsill pero' abbażi li jinġieb permess mir-residenti li joqgħodu faċċata ta' dan il-garaxx minħabba li l-mera trid titwaħħal bi 'bracket' mal-faċċata tiegħu.

## 5.6 Korrispondenza

5.6.1 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat kartolina ta' ringrazzjament mingħand il-Familja Pace wara li l-Kunsill bgħat lil din l-istess Familja kartolina ta' kondoljanzi lill-istess familja.

5.6.2 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar korrispondenza li rċeviet bejn il-'Cleansing Dipartment' kif ukoll il-'Lands Dipartment' biex il-Kunsill jikkonferma li s-sit fil-Bajja ta' Rnella fejn qed tiġi mibnija latrina pubblika mill-Gvern Ċentrali tingħata bid-devoluzzjoni lil 'Cleansing Dipartment' peress li dan id-Dipartiment ser tkun qed tieħu ħsieb il-manutenzjoni u tindif ta' din l-istess latrina.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-sit għandu jingħata lil 'Cleansing Dipartment'.

**5.6.3** Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill illi ser ikunu qegħdin jiġu mgħotija €20,000 lill-Kunsill minn naħa tal-'Housing' fuq skema bl-isem ta' 'Numru 2' biex b'hekk isir manutenzjoni f'erba' blokkok li jaqaw taħt ir-responsabilta' ta din l-entita' fil-lokalita' tal-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament fuq erbgħa blokkok partikulari li huma:

- Married Quarters
- Saviour Flats
- Wilfred Flats
- Manuel's flats

5.6.4 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill illi l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa f'kors innovativ bl-isem ta' 'Robotica' tajjeb għat-tfal li ser ikun qed isir fis-sajf 2017 b'kollaborazzjoni mal-kumpanija TCTC bħal kull sena.

5.6.5 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill illi ser tkun qed titwaħħal 'camera' fl-inħawi tal-Uffiċini tal-Kunsill kif kien diġa ġie maqbul unanimament mill-Kunsilliera f'Seduta preċedenti minn naħa ta' Esplora fil-ġranet li ġejjijn kif kien ġie mwiegħed minn Dr.Jeffrey Pullicino Orlando .

5.6.6 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar xi fondi li jistgħu jkunu eleġibbli fiż-żmien li ġej biex jiġu rranġati bankini u toroq li sal-present għadhom bla tarmak.

Il-Kunsill issuġerixxa lista miktuba hawn taħt kif ukoll oħrajn li ntbgħatu qabel lis-Seg.Eżek. minn naħa tas-Sindku permezz ta' email formali:

Triq San Lawenz
Triq Santa Filomena
Triq is-Sienja
Triq Patist Borda
Trejqet Franġisku Chircop

Il-Perit tal-Kunsill ser ikun qiegħed jagħti stima ta' dan ix-xogħol bil-lest biex b'hekk il-Kunsill ikollu ħjiel għal kemm fondi jrid japplika bejn wieħed u ieħor.

5.6.7 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill, dwar laqgħa li saret iktar kmieni fix-xahar ta' Marzu fejn kienu ukoll preżenti is-Sur Chris Bruno Viċi Sindku kif ukoll is-Sur Pawlu Bongailas Kunsillier flimkien mas-Seg.Eżek. u mad-Direttur tal-Gvern Lokali rigward il-problema tal-kiri tal-Berġa/ Librerija tal-lokal.

Wara diskussjoni kostruttiva bejn in-nies kollha nvoluti waqt din il-laqgħa 'ntlaħaq ftehim illi għandha tiġi kkordinata laqgħa mal-Kura Primarja biex b'hekk jiġu diskussi materji mportanti ħafna għal-lokal tal-Kalkara biex wieħed jara kif din il-problema tista tissolva darba għal dejjem.

Din il-laqgħa ser tkun qiegħda tiġi kordinata mis-Seg.Eżek. fil-ġranet li ġejjin.

5.6.9 Is-Sinjura Speranza Chircop, staqsiet lis-Sur Pawlu Bongailas jekk hux ser jorganizza xi kors tal-'Life Long Learning Scheme'. Huwa qal illi prova jikkuntatja lill-persuna responsabbli pero' ma qabadiex

Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet għaliex hija ma kinitx infurmata b'din l-iskema minħabba li d-dekasteru tal-Edukazzjoni jaqa' taħta.

Is-Sinjura Speranza Chircop talbet lis-Seg.Eżek. tibgħat l-informazzjoni dwar il-korsijiet lis-Sinjura Maria Sultana minnufih biex b'hekk hija tara x'inhu l-aħjar għal lokal tal-Kalkara.

Is-Sinjura Speranza Chircop spjegat illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qiegħed jissuġerixxi li jiġi nominat Ambaxxatur taż-Żgħażagħ minn lokalita' oħra peress li mill-Kalkara ma kien hemm ħadd interessat.

Il-Kunsill oġġezzjona fuq dan is-suġġeriment u ddeċieda li jibqa bla persuna inkarigata b'dan it-titlu.

5.6.13 Is-Sinjura Speranza Chricop infurmat lil Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Antonio Falzon, fejn dan qed jissuġerixxi 'bollards' fil-kurduna tal-bankina mall-faċċata tiegħu minħabba il-periklu li hemm f'dawn l-inħawi. Qed jiġi suġġerit hekk minħabba id-djuq tal-istess Triq.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li isiru dawn il-Bollards.

## 5.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Amministrattiv/i

Ma kienx hemm

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

**Ma kienx hemm**

## 5.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.10.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 6.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 5.11 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 5.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 25 ta' April 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' April, 2017

**IFFIRMATA**

Speranza Chircop
Sindku

**IFFIRMATA**

Elaine Caruana
Segretarju Eżekuttiv